32005D0763

L 288/54 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 29.10.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta' Ottubru 2005

## li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE dwar żoni ristretti fir-rigward tal-bluetongue fi Spanja

*(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4162)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2005/763/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ta' l-20 ta' Novembru 2000 li tistipula disposizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-*bluetongue* [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2)(d) l-Artikolu 8(3)(ċ) u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE tistabbilixxi regoli u miżuri ta' kontroll biex jikkumbattu l-*bluetongue* fil-Komunità, inkluż l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u sorveljanza u l-projbizzjoni fuq il-ħruġ ta' l-annimali minn dawk iż-żoni.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/393/KE tat-23 ta' Mejju 2005 dwar żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza u kundizzjonijiet li japplikaw għall-movimenti minn jew minn ġewwa dawn iż-żoni tipprovdi għad-demarkazzjoni taż-żoni [2] globali ġeografiċi fejn iż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza ("żoni ristretti") għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri fir-rigward tal-*bluetongue*.

(3) Spanja infurmat lill-Kummissjoni li ċ-ċirkolazzjoni tal-virus instabet f' għadd ta' żoni periferiċi taż-żona ristretta.

(4) Bħala konsegwenza ta' dan, iż-żona ristretta għandha tiġi estiża u għandha titqies d-dejta disponibbli dwar l-ekoloġija ta' l-organiżmu li jservi ta' vettura u l-evoluzzjoni ta' l-attività staġjunali tiegħu.

(5) Id-Deċiżjoni 2005/393/KE għandha għalhekk tiġi emendata b'dan il-mod.

(6) Il-miżuri stipolati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fid-Deċiżjoni 2005/393/KE il-parti għaż-żona E li trrigwarda Spanja, hi mibdula b' dan li ġej:

"Spanja:

— Provinċja ta' Cádiz, Málaga, Sevilla, Huelva, Córdoba, Cáceres, Badajoz,

— Provinċja ta' Jaen (comarcas ta' Jaen u Andujar)

— Provinċja ta' Toledo (comarcas ta' Almorox, Belvis de Jara, Gálvez, Mora, Los Navalmorales, Oropesa, Talavera de la Reina, Toledo, Torrijos u Juncos).

— Provinċja ta' Avila (comarcas de Candelada, Arenas de San Pedro, Sotillo de la Adrada

— Provinċja ta' Ciudad Real (comarcas ta' Almadén, Almodóvar del Campo, Horcajo de los Montes, Malagón u Piedrabuena).

[1] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74.

[2] ĠU L 130, 24.5.2005, p. 22. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/603/KE (ĠU L 206, 9.8.2005, p. 11).

— Provinċja ta' Salamanca (comarcas ta' Bejar u Sequeros).

— Provinċja ta' Madrid (comarcas ta' Aranjuez, El Escorial, Grinon, Navalcarnero u San Martin de Valdeiglesias)"

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2005.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-28 ta' Ottubru 2005.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*